MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Numru. 813/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Adrian Debono**

Kumpilazzjoni Nru: 813/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Adrian Debono** ta' 47 sena, bin Alfred u Iris nee' Camilleri, imwieled Pieta' fil-21 ta' Dicembru 1961, residenti f' 5, Mystical Rose, Triq Ganni Bencini, Sliema, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 5862(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'April 2009 jew fix-xhur u s-snin ta' qabel, ikkorrompa lil Nigel John Abela, ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex Nigel John Abela jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u cioe bil-ghan li b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi uri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

u aktar talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 27 ta' Jannar 2005 u 5 ta' Novembru 2008.

Rat l-artikoli 48A, 49, 50, 115(b), 119, 120(1), 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 11 ta' Jannar 2010 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat odjern jinkwadraw ruhhom f'kaz ferm aktar wiesa' u li nvoluti fih hemm ghadd ta' persuni ohra li fil-konfront taghhom ukoll hemm jew kien hemm proceduri penali pendenti.

Illi l-involviment ta' kull wiehed minn dawn il-persuni fil-kaz in kwistjoni jvarja mhux biss fin-numru ta' imputazzjonijiet li l-agir taghhom jinkwadra ruhu fihom imma anke fin-natura tar-reati li allegatament gew kommessi minn kull wiehed minn dawn il-persuni u fil-frekwenza ta'l-agir kriminuz da parti ta' kull wiehed mill-persuni involuti f'dan il-kaz.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat kien wasal fi ftehiem ma'ufficjal tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq Valur Mizjud biex dan jnehhi l-multi u l-penali dovuta mill-imputat. Ghalkemm l-imputat lahaq hallas hames mitt Euro (€500) ghal dan il-ghan il-persuna li huwa kien qed jiftiehem mieghu ma lahaq ghamel xejn in adempiment tal-ftehiem li kien hemm bejniethom. Ghalhekk jirrizulta li l-pozizzjoni ta'l-imputat mad-dipartiment baqghet l-istess stante li ma gie alterat xejn mir-records tieghu.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputat ikkollabora ma'l-ufficjali investigattivi, ammetta l-involviment tieghu mhux biss f'l-istqarrija imma anke fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi pero wahda mill-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat hija dik tar-recidiva; id-difieza fis-sottomissjonijiet taghha ikkontendiet li ghalkemm l-imputat huwa recidiv japplika fil-konfront tieghu l-artikolu 52 tal-Kapitolu 9 u li konsegwentement jista' jigi applikat l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9.

Illi d-difieza fil-fatt qed tikkontendi li r-reati indikati fis-sentenzi prezentati mill-prosekuzzjoni bhala prova ta'l-addebietu tar-recidiva jaqghu fid-definizzjoni ta' delitti maghmula b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila f 'sengha jew professjoni, jew minhabba nuqqas ta' hars ta' regolamenti.

Illi l-Qorti ma tikkondividiex din is-sottomissjoni. Ir-reati relevanti u li jirrizultaw mis-sentenzi prezentati huma n-nuqqas ta’l-imputat li jissottometti d-denunzji tat-taxxa fuq valur mizjud u dan minkejja tlett sentenzi mghotija fil-konfront tieghu[1]; nuqqas dan li baqa jippersiesti minn Awissu 2001 almenu sal-5 ta’ Novembru 2008 u cioe d-data tat-tieni sentenza prezentata mill-prosekuzzjoni. Dawn mhux reati li jaqaw f’definizzjoni tar-reati kwotati f’l-arttikolu 52.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta’l-imputat li minnha jidher li huwa diga kien instab hati ta’ frodi.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-piena f’dan il-kaz bil-fors ghandha tkun wahda ta’ prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 48A, 49, 50, 115(b), 119, 120(1), 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha (9) xhur prigunerija. In oltre il-Qorti qed tordna fil-konfront ta’ l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] L-ewwel sentenza fil-5 ta’ Settembru 2002 u mbaghad iz-zewg sentenzi prezentati.